MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tad-29 ta' Ottubru, 2014

Mandat Numru. 1496/2014/1

**Ta' Natu Limited**

**(C – 8167)**

**vs**

**Cassar & Schembri (Marketing) Limited**

**(C – 33174)**

Il-Qorti,

1. Regghet rat il-mandat *de quo* datat it-30 ta' Settembru, 2014;

2. Regghet rat id-digriet precedenti taghha datat ukoll it-30 ta' Settembru, 2014;

3. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

4.0. Illi s-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti bil-ghan li tikkawtela l-kreditu minnha indikat fl-imsemmi rikors guramentat promotur minnha inoltrat u dan biex:

4.1. Tinibixxi lis-socjeta` intimata milli tbiegh, tnehhi, tittrasferixxi jew tiddisponi *inter vivos*, sew b'titolu oneruz jew gratuwitu, xi proprjeta`, u b'mod partikolari:

4.1.1. Appartament fit-tielet (3) sular, parti minn blokk bla numru u jismu *"Joanne Flats", Triq il-Kostituzzjoni, il-Mosta*, u li jgib in-numru hamsa (5), gia` numru tlieta (3), kif indikat fl-istess rikors in dizamina, eskluza l-arja u bid-dritt tal-uzu in perpetwu u trasferibbli tal-partijiet komuni tal-istess blokk, inkluz il-katusi tad-drenagg u katusi ohra;

5. Rat id-dokumenti annessi ma' l-istess rikors guramentat promotur;

Ikkunsidrat:

6. Illi wara li semghet lill-abbli rapprezentanti legali tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta li hemm il-possibilita` li tavvera ruhha l-probabilita` li s-socjeta` rikorrenti ssofri danni rrimedjabbli bl-agir tas-socjeta` intimata;

7. Illi ghaldaqstant tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi;

**DECIDE:**

8.0. Illi ghaldaqstant, tenut kont tas-suespost:

8.1. Tikkonferma d-digriet precedenti taghha datat it-30 ta' Settembru, 2014, li permezz tieghu laqghet l-istess rikors guramentat promotur provizorjament;

8.2. Tikkonverti l-istess digriet taghha indikat fil-paragrafu precedenti f'wiehed permanenti;

8.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------